MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 112/2003

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)

Vs

Joseph Compagno

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Mejju 2003 :
1) ghall-habta tas-7.00 p.m. minn Triq it-Turisti, Bugibba, ikkommetta serq ta' vann ta' l-ghamla Mazda E 2200, numru tar-registrazzjoni LVY085, liema serq huwa aggravat bl-ammont (Art. 267 tal-Kap. 9) u bix-xorta tal-haga misruqa (Art. 271 (g) tal-Kap. 9) ghad-dannu ta' George Baldacchino;
2) a) ghall-habta ta' bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 p.m. f'Bugibba u f'diversi postijiet ohra ta' Malta, fosthom San

Giljan u tas-Sliema, saq van LVY085 minghajr licenzja tas-sewqan;
b) minghajr polza ta' l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
c) saq l-istess vettura b'velocita' eccessiva;
d) b'manjiera perikoluza, b'manjiera traskurata u bla kont, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku;
e) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna hsarat f'ghadd ta' vetturi fosthom van LVY085, ghad-dannu ta' George Baldacchino u ta' sidien ohrajn diversi, kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Elizabeth Attard u ta' Maria Rosa Galea (Art. 328 (1)(d) tal-Kap. 9);
f) saq u/jew kellu kontroll ta' vettura LVY085 fit-triq u/jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb u/jew drogi w wara li kkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm u/jew fl-urina tieghu kien izjed mill-limitu preskritt;
g) naqas li jieqaf meta kien involut f'ghadd ta' incidenti stradali sabiex jaghti l-partikularitajiet tieghu;
3) ghall-habta tat-7.45 p.m. fi Triq il-Kbira, San Giljan u wara fi Triq it-Torri, Sliema, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' ghadd ta' vetturi (Art. 325 (a) tal-Kap. 9);
4) ghall-habta tat-8.00 p.m. fi Triq it-Torri, Sliema, ingurja u/jew hedded, u/jew ghamel offiza fuq PS1181, Gino Caruana, u PC 485 Edwin Azzopardi, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 tal-Kap. 9);
5) fl-ahharnett, talli b'ghemilu sar recediv b'sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 28.06.2002 u 30.09.2002 liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula u talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 30.09.2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 261 ( c) (g), 267, 271, 20, 279, 221, 328, 17,

31, 95, 49, 50, 28A, 28B tal-Kap. 9, Art. 15 tal-Kap. 65 kif emendat, Art. 3 tal-Kap. 104 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal sena. Wara li rat l-art. 28 G ghamlet ordni ta' supervizjoni ghal zmien sentejn u dwar il-hames akkuza tatu c-cans li jibda programm fl-agenzija Sedqa b'effett immedjat u estendiet il-perjodu operattiv ghal erba' snin.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena nflitta fejn fir-rigward l-ewwel, it-tieni w r-raba' mputazzjoni, ikkundannatu ghal erbatax-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin, u minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi, w tikkonfermaha wkoll fil-bqija tal-pieni nflitti.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' illi l-Ewwel Qorti nvokat u applikat id-dispozizzjoni tal-Artikolu 28B (recte 28A) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tal-ewwel, it-tieni w raba' imputazzjoni zbaljatament u dana ghaliex ladarba kienet fl-istess sentenza qed issibu hati tar-recidiva , kienet impeduta skond l-artikolu 28A (7)(b) milli taghmel xi ordni taht is-subartikolu (1) tal-Art. 28A

Fliet l-atti kollha processwali ,

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :-

"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-

(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50”

Illi ma hemmx kwistjoni li f’dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bir-recidiva , ammetta l-akkuzi kollha w fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata apparti milli ccitat l-artikolu 50 li jittratta dwar ir-recidiva, fil-paragrafu penultimu tas-sentenza ttrattat l-akkuza tar-recidiva ukoll.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli terga taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza f’dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-erbatax il-xahar prigunerija sospiza ghal tlitt snin ghar-rigward ta’ l-ewwel it-tieni u r-raba’ imputazzjoni w fejn ghamlet ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sentejn taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Mary Grace Vella kif ukoll fejn ordnat li hu jibda programm residenzjali fi hdan l-agenzija Sedqa taht id-direttivi ta’ l-istess agenzija kif ukoll tal-Probation Officer u bil-kondizzjonijiet kollha hemm kontenuti w , minnflok , ghall-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni , tikkundanna lill-appellat, recidiv , ghall-istess terminu ta’ erbatax il-xahar prigunerija b’effett mill-lum li pero’ minnhom irid jitnaqqas kull periodu li fih l-appellat kien taht arrest preventiv in konnessjoni mall-istess reati , w tikkonfermaha fil-kumplament taghha fejn iddikajrat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrieh kif ukoll fil-bqija tal-pieni nflitti .

In oltre din il-Qorti tordna li l-appellat jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu talli kiser il-kondizzjonijiet ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza li hu kien inghata fit-30 ta’ Settembru, 2002.

Fl-ahhar nett din il-Qorti tirrakkomanda li – jekk dan hu possibbli – l-appellat jigi ammess ghall-programm residenzjali fi hdan l-agenzija Sedqa u, jekk dan mhux possibbli , biex jinghata kull facilita’ mill-awtoritajiet tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li jikkura il-kondizzjoni tieghu ta’ dipendenza fuq id-droga .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------